**Il-Muniti ta’ l-euro Maltin**

Malta adottat l-euro bħala flusha u l-euro sar il-valuta legali ta’ Malta fl-1 ta’ Jannar 2008.

L-għażla tad-disinni tan-naħat nazzjonali tal-muniti ta’ l-euro Maltin twettqet permezz ta’ konsultazzjoni mal-pubbliku. Fl-ewwel konsultazzjoni lill-pubbliku kien tressqulu tnax-il tema. Minn dawn id-disinni ntgħażlu dawn it-tlieta – l-Istatwa tal-Magħmudija ta’ Kristu, L-Arma ta’ Malta u l-altar li jinsab fit-tempji ta’ l-Imnajdra. Ir-raba’ disinn, li kien tas-Salib ta’ Malta bi tmien ponot, tqies ukoll wara li hu qala’ l-akbar għadd ta’ voti bħala għażla oħra għat-tnax-il tema li kienu tressqu matul il-proċess tal-konsultazzjoni.

It-tieni konsultazzjoni wasslet għall-għażla tas-Salib ta’ Malta tat-tmien ponot, l-Arma ta’ Malta, u l-altar li jinsab fit-tempji ta’ l-Imnajdra bħala d-disinni għall-muniti ta’ l-euro Maltin.

Wara l-għażla tad-disinni, il-Monnaie de Paris ingħatat il-kuntratt għall-ħdim tal-muniti euro bin-naħa nazzjonali Maltija minquxa fuqhom. Il-Monnaie de Paris hi dik iz-zekka statali li taħdem il-muniti euro Franċiżi kollha.

Malta daħlet fi ftehim mal-Kummissjoni tal-Kommunitajiet Ewropej permezz ta’ Memorandum tal-Fehma li kien jinqasam f’żewġ fażijiet. Il-fażi tat-tħejjija kienet tħaddan fiha l-produzzjoni ta’ ċerta kwantita’ ta’ muniti għall-prova. It-tieni fażi kellha x’taqsam mal-produzzjoni tal-muniti kollha meħtiġin għall-bidla, li bdiet wara li Malta kisbet l-approvazzjoni għall-adozzjoni ta’ l-euro minn għand il-Kunsill tal-Ministri ta’ l-UE.

Id-disinni tan-naħa Maltija tal-muniti ta’ l-euro ġew approvati mill-Kummissjoni ta’ l-UE b’xi bidliet żgħar li twettqu fuq id-disinni l-ewlenin li kienu ntgħażlu mill-pubbliku sabiex isiru jaqblu għal kollox mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-werrejja komuni għan-naħiet nazzjonali tal-muniti euro fiċ-ċirkulazzjoni.

Kull pajjiż taż-żona ta’ l-euro juża l-għelm jew id-disinn tiegħu fuq il-muniti ta’ l-euro. Għalkemm in-naħat nazzjonali huma differenti, il-muniti ta’ l-euro jistgħu jintużaw kollha kemm huma fl-inħawi kollha taż-żona ta’ l-euro.